MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tal-5 ta' Frar, 2008

Talba Numru. 497/2007

**Talba Nru: 497/07PBC**

**William Taylor I.D. 285065(M)**

**Vs**

**Georgina Gauci**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab il-hlas tas-somma ta’ elf, mija u tlieta u erbghin Euro u tnejn u tmenin Euro cents (€1,143.82) - (Lm491.04c) rapprezentanti prezz ta’ xoghol u spejjez maghmula lill-konvenuta mill-attur fuq inkarigu taghha stess.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.
Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-attur u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attur tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas is-somma ta' elf, mija u tlieta u erbghin Euro u tnejn u tmenin Euro cents (€1,143.82) - (Lm491.04c), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------